# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

12 ta' Mejju 2011 *

Fil-Kawża C-410/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum, fil-proċedura

**Polska Telefonia Cyfrowa sp. z o.o.**

vs

**Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej,**

fil-preżenza ta':

**Prezes Urzędu Ochrony Konkurencji i Konsumentów,**

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.N. Cunha Rodrigues, President ta' Awla, A. Arabadjiev, A. Rosas, A. Ó Caoimh u P. Lindh (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Novembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Polska Telefonia Cyfrowa sp. z o.o., minn M. Korcz u S. Dudzik, radcy prawni,

— għall-Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej, minn M. Kołtoński u D. Pawłowska, radcy prawni,

— għall-Gvern Pollakk, minn M. Szpunar, bħala aġent,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Irlanda, minn D. O’Hagan, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Braun u K. Mojzesowicz, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata’ mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 58 tal-att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta’Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta’ Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka, u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 33, iktar ’il quddiem l-“Att ta’ Adeżjoni tal-2003”).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta’ kawża bejn Polska Telefonia Cyfrowa sp. z o.o. (iktar ’il quddiem “PTC”) u Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej (president tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, iktar ’il quddiem il-“Prezes”) dwar ċerti obbligi leġiżlattivi li ġew imposti fuqha minn dan tal-aħħar.

**Il-kuntest ġuridiku**

*L-Att ta' Adeżjoni tal-2003*

3 Skont l-Artikolu 2 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003:

"Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonijiet tat-Trattati originali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-Bank Centrali Ewropew qabel l-adeżjoni ghandhom jorbtu l-Istati Membri l-ġodda u għandhom japplikaw f'dawk l-Istati Membri bil-kondizzjonijiet kif imniżżla f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att".

4 L-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jipprovdi:

"It-test ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet u tal-Bank Ċentrali Ewropew adottati qabel l-adeżjoni u mħejjija mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni jew mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-lingwa: Ċeka, Estona, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka, Slovena ghandhom, mid-data ta' l-adeżjoni, ikunu awtentiċi bl-istess kondizzjonijiet bħat-test fil-ħdax-il lingwa attwali. Ghandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* jekk it-test tal-lingwi attwali kienu hekk ġew ippubblikati".

*Ir-Regolament Nru 1*

5 Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1, tal-15 ta' April 1958, li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3), kif emendat mill-Att ta' Adeżjoni tal-2003, il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni huma:

"l-Ispanjol, iċ-Ċek, id-Daniż, il-Ġermaniż, l-Eston, il-Grieg, l-Ingliż, il-Franċiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, l-Ungeriż, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, is-Slovakk, is-Sloven, il-Finlandiż, u l-Isvediż".

6 L-Artikolu 4 tar-Regolament jipprovdi:

"Ir-Regolamenti u dokumenti oħra ta' applikazzjoni ġenerali għandhom ikunu abbozzati fl-għoxrin lingwa uffiċjali".

7 L-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament jgħid:

"Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkun ippubblikat fl-għoxrin lingwa uffiċjali".

8 Skont l-Artikolu 8 tal-istess regolament:

"Jekk xi Stat Membru jkollu aktar minn lingwa uffiċjali waħda, il-lingwa li għandha tintuża għandha tkun, fuq talba minn dak l-Istat, irregolata mir-regoli ġenerali tal-liġi tiegħu".

*Id-Direttiva 2002/21/KE*

9 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), tipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi kwadru [qafas] armonizzat għar-regolar ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, faċilitajiet assoċjati u servizzi assoċjati. Tistipula x-xogħol ta' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji u tistabbilixxi settt ta' proċeduri biex tassigura l-applikazzjoni armonizzata tal-kwadru regolatorju mal-[Unjoni]."

10 L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/21, li jikkonċerna l-proċedura ta' definizzjoni tas-suq, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu jipprovdi:

"1. Wara konsultazzjoni pubblika u konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjoni dwar is-swieq relevanti tal-prodotti u tas-servizzi (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħa 'ir-rakkomandazzjoni'). Ir-rakkomandazzjoni għandha tidentifika skond Anness I hawn mehmus dwak is-swieq tal-prodotti u servizzi fi ħdan is-setttur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, il-karatteristiċi li jistgħu jkunu tali li jiġġustifikaw l-imposizzjoni ta' obbligazzjonijiet regolatorji stipulati fid-Direttivi Speċifiċi, mingħajr preġudizzju għas-swieq li jistgħu jiġu definiti f'każi speċifiċi taħt il-liġi tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi s-swieq skond il-liġi tal-kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni għandha regolarment tirrevedi r-rakkomandazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, sa l-aktar tard id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, linji gwida għall-analiżi tas-suq u l-istima tas-saħħa sinifikanti fis-suq (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħa 'l-linji gwida') li għandhom ikunu skond il-prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni.

3. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom, waqt li jagħtu l-akbar kont tar-rakkomandazzjoni u l-linji gwida, jiddefinixxu s-swieq relevanti adatti għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, b'mod partikolari is-swieq ġeografiċi relevanti fit-territorju tagħhom, skond il-prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom isegwu l-proċeduri msemmija f'Artikoli 6 u 7 qabel ma jiddefinixxu swieq li jkunu differenti minn dawk definiti fir-rakkomandazzjoni."

11 L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2002/21, intitolat "Proċedura ta' analiżi tas-suq", fil-paragrafi 1 sa 5 tiegħu jipprovdi:

"1. Kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni jew xi aġġornament tagħha, l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom iwettqu analiżi tas-swieq rilevanti, waqt li jagħtu l-akbar kont tal-linji gwida. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li dan l-analiżi jitwettaq, fejn xieraq, b'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

2. Fejn awtorità nazzjonali regolatorja [iktar 'il quddiem l-'ANR'] hija meħtieġa taħt Artikoli 16, 17, 18 jew 19 tad-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva dwar is-Servizz Universali), jew Artikoli 7 jew 8 tad-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva dwar l-Aċċess) li jistabbilixxu jekk jimponux, iżommu, jemendaw jew jirtiraw obbigazzjonijiet fuq

impriżi, għandha tistabbilixxi fuq il-bażi ta' l-analiżi tagħha tas-suq imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan [l-]Artikolu jekk is-suq relevanti hux effettivament kompetittiv.

3. Fejn [ANR] tikkonkludi li s-suq huwa effetivament kompetittiv, m'għandhiex timponi jew iżżomm xi waħda mill-obbligazzjonijiet speċifiċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan Artikolu. F'każi fejn obbligazzjonijiet speċifiċi regolatorji fis-setttur jeżistu ġia, għandha tirtira dwak l-obbligazzjonijiet imqegħda fuq impriżi f'dak is-setttur relevanti. Perjodu xieraq ta' avviż għandu jingħata lill-partijiet affettwati b'dak l-irtirar ta' l-obbligazzjonijiet.

4. Fejn [ANR] tistabbilixxi li suq relevanti mhux effettivament kompetittiv, ggandha tidentifika impriżi b'saħħa sinifikanti fis-suq fuq dak is-suq skond Artikolu 14 u l-awtorità nazzjonali regolatorja għandha fuq dawk l-impriżi timponi l-obbligazzjonijiet speċifiċi adatti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan [l-] Artikolu jew iżżomm jew temenda dawk l-obbligazzjonijiet fejn ġia jeżistu.

5. Fil-każ tas-swieq transnazzjonali identifikati fid-Deċiżjoni msemmija f'Artikolu 15(4), l-[ANR] konċernati għandhom konġuntement iwettqu analiżi tas-suq, waqt li jagħtu l-akbar kont tal-linji gwida u jiddeċiedu fuq kull imposizzjoni, manutenzjoni, emenda jew irtirar ta' l-obbligazzjonijiet regolatorji msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu b'mod konċertat."

12 B'applikazzjoni tal-Artikolu 15(2), il-Kummissjoni adottat linji gwida dwar l-analiżi tas-suq u l-evalwazzjoni tas-saħħa fis-suq taħt il-qafas regolatorju għan-netwerks u s-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU 2002, C 165, p. 6, iktar 'il quddiem "il-linji gwida tal-2002").

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

13 PTC hija waħda mill-operaturi prinċipali tat-telekomunikazzjonijiet fil-Polonja.

14 Fis-17 ta' Lulju 2006, il-Prezes ikkunsidra li PTC kellha saħħa sinjifikattiva fis-suq tas-servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonati vokali u ddeċieda li jimponi ċerti obbligi regolamentari fuq din l-impriża.

15 Ir-rikors ta' PTC kontra din id-deċiżjoni tal-Prezes ġiet miċħuda mill-qrati tal-ewwel istanza u tal-appell. Fil-kuntest tal-appell ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju, PTC ssostni li l-linji gwida tal-2002, li fuqhom l-imsemmija deċiżjoni hija bbażata, ma jistgħux jiġu imposti fuqha billi huma ma ġewx ippubblikati bil-lingwa Pollakka f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

16 Is-Sąd Najwyższy għandha dubji fir-rigward tal-konsegwenzi li joħorġu minn dan in-nuqqas ta' pubblikazzjoni.

17 Din il-qorti tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jipprekludi li l-obbligi li jinsabu f'leġiżlazzjoni Komunitarja li ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-lingwa ta' Stat Membru ġdid, meta din hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu jistgħu jiġu imposti fuq individwi f'dan l-Istat, minkejja l-fatt li dawn il-persuni setgħu jsiru jafu b'din il-leġiżlazzjoni permezz ta' mezzi oħra (sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2007, Skoma-Lux, C-161/06, Ġabra p. I-10841, punti 57 sa 59, u tal-4 ta' Ġunju 2009, Balbiino, C-560/07, Ġabra p. I-4447, punt 30).

18 Din il-ġurisprudenza twassal lill-qorti tar-rinviju sabiex tikkunsidra li l-impriżi Pollakki ta' telekomunikazzjonijiet jinsabu f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik ta' imprizi stabbiliti fi Stati Membri oħra barra r-Repubblika tal-Polonja, liema impriżi jistgħu jsiru jafu b'dawn il-linji gwida bil-lingwi uffiċjali ta' dawn l-Istati.

19 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-frażi "l-obbligi li jinsabu f'leġiżlazzjoni Komunitarja", użata fil-punt 51 tas-sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, tirreferix esklussivament għar-regolamenti u d-deċiżjonijiet li, minħabba n-natura tagħhom, joħolqu obbligi fir-rigward ta' individwi jew jekk hija testendix ukoll għal atti oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li għandhom effett fuq id-drittijiet jew l-obbligi tal-individwi, li huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jittrasponi d-direttivi Komunitarji. F'dan ir-rigward hija tosserva li, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Marzu 2009, Heinrich (C-345/06, Ġabra p. I-1659), il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li interpretat b'mod estensiv il-kunċett ta' "leġiżlazzjoni Komunitarja", kunċett li jista' jinkludi l-atti kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Hija tenfasizza wkoll li mis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, ROM-projecten (C-158/06, Ġabra p. I-5103) jidher li jirriżulta li ma humiex biss l-atti legali tal-Unjoni li jimponu obbligi fuq l-individwi li għandhom ikunu ppubblikati, imma, sabiex tali pubblikazzjoni tkun meħtieġa, huwa biżżejjed li att joħloq obbligu fuq Stat Membru sabiex iwettaq azzjoni konkreta fir-rigward ta' individwi.

20 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-linji gwida tal-2002 joħolqu aspettattivi ġuridiċi leġittimi min-naħa tal-persuni li s-sitwazzjoni tagħhom taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-adozzjoni ta'dawn il-linji gwida mill-Kummissjoni jirriżultaw direttament minn obbligu previst fl-Artikolu 15(2), tad-Direttiva 2002/21. L-Artikoli 15(3) u 16(1) tagħha jipprovdu li l-ANR għandhom "jagħtu l-akbar kont" tal-linja gwida, sew għad-definizzjoni tas-swieq rilevanti kif ukoll għall-analiżi.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Najwyższy iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja id-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikolu 58 tat-Trattat ta' Adeżjoni [tal-2003] jippermetti li jintużaw, kontra individwi fi Stat Membru, rakkomandazzjonijiet li jinsabu fil-[Linji gwida tal-2002] li, skont l-Artikolu 16(1) tad-[Direttiva 2002/21], l-awtorità nazzjonali regolatorja għandha tieħu inkunsiderazzjoni bl-iktar mod sħiħ fl-analiżi tagħha tas-swieq rilevanti, meta dawn il-linji gwida ma jkunux ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-lingwa ta' dan l-Istat, anki jekk din il-lingwa hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea?"

## Fuq id-domanda preliminari

22 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil ANR milli tirreferi għal-linji gwida tal-2002 f'deċiżjoni li permezz tagħha, din l-awtorità timponi ċerti obbligi leġiżlattivi fuq operatur ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, sa fejn dawn il-linji gwida ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-lingwa tal-Istat Membru inkwistjoni, minkejja li din hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

23 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li prinċipju fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jeħtieġ li att ta' awtoritajiet pubbliċi ma jkunx jista' jiġi invokat fil-konfront ta' individwi qabel ma l-istess individwi jkollhom il-possibbiltà li jsiru jafu bih (sentenza tal-25 ta' Jannar 1979, Racke, 98/78, Ġabra p. 69, punt 15).

24 Barra minn hekk, mill-Artikolu 2 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jirriżulta li l-atti li jsiru mill-istituzzjonijiet, qabel l-adeżjoni, jorbtu lill-Istati Membri ġodda u huma applikabbli f'dawn l-Istati mill-mument ta' adeżjoni. Madankollu, l-infurzabbiltà tagħhom għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi f'dawn l-Istati hija suġġetta għall-kundizzjonijiet ġenerali ta'

implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri skont kif jipprovdu t-Trattati li minnhom joriġinaw u, għall-Istati Membri ġodda, mill-Att ta' Adeżjoni tal-2003 nnifsu (sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32).

25 Fir-rigward tar-regolamenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni kif ukoll tad-direttivi ta' dawn l-istituzzjonijiet li huma indirizzati lill-Istati Membri kollha, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 254(2) KE jirriżulta li dawn l-atti jistgħu biss joħolqu effetti legali jekk huma jkunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33).

26 Barra minn hekk, l-imsemmija atti ma jistgħux jiġu infurzati fuq persuni fiżiċi u morali ta' Stat Membru qabel ma dawn tal-aħħar ikollhom il-possibbiltà li jsiru jafu bihom permezz ta' pubblikazzjoni regolari f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (sentenzi ċċitati Racke, punt 15 u Skoma-Lux, punt 37).

27 L-osservanza ta' dawn il-prinċipji timponi ruħha bl-istess konsegwenzi meta leġiżlazzjoni tal-Unjoni tobbliga lill-Istati Membri sabiex jieħdu, għall-implementazzjoni tagħha, miżuri li jimponu obbligi fuq l-individwi. Għaldaqstant, miżuri nazzjonali li, fl-eżekuzzjoni ta' liġi tal-Unjoni, jimponu obbligi fuq l-individwi, għandhom jiġu ppubblikati sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jsiru jafu bihom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2002, Mulligan *et*, C-313/99, Ġabra p. I-5719, punti 51 u 52). F'tali sitwazzjoni, il-partijiet kkonċernati għandhom ikollhom ukoll il-possibbiltà li jinfurmaw irwieħhom fuq is-sors tal-miżuri nazzjonali li jimponu l-obbligi fuqhom. Għaldaqstant, għandhom jiġu ppubblikati mhux biss il-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda wkoll l-att ta' liġi tal-Unjoni li, fi kwalunkwe każ, jobbliga lill-Istati Membri jieħdu miżuri li jimponu obbligi fuq l-individwi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Heinrich, iċċitata iktar 'il fuq, punti 45 sa 47).

28 Barra minn hekk, mid-dispożizzjonijiet ikkumbinati tal-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni kif ukoll l-Artikoli 4, 5 u 8 tar-Regolament Nru 1 jirriżulta li pubblikazzjoni regolari ta' regolament tal-Unjoni, fir-rigward ta' Stat Membru li l-lingwa tiegħu hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni, għandha tinftiehem bħala l-pubblikazzjoni ta' dan l-att, f'din il-lingwa uffiċjali, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

29 Il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant qieset li l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jippreKludi li l-obbligi inklużi f'leġiżlazzjoni tal-Unjoni li ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-lingwa ta' Stat Membru ġdid, meta din hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni, jistgħu jiġu imposti fuq individwi ta' dan l-Istat, anki jekk il-persuni setgħu jsiru jafu b'din il-leġiżlazzjoni permezz ta' mezzi oħra (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Skoma-Lux, punt 51, u Balbiino, punt 30).

30 Fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 23 sa 29 ta' din is-sentenza, ispirata mill-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nondiskriminazzjoni, għandu jiġi vverifikat jekk, bil-kontenut tagħhom, il-linji gwida tal-2002 jimponux obbligi fuq l-individwi. Jekk dan kellu jkun il-każ, minħabba n-nuqqas ta' pubblikazzjoni bil-lingwa Pollakka f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, dawn il-linji gwida ma jkunux infurzabbli fuq individwi fil-Polonja.

31 L-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva 2002/21, li huma indirizzati espressament lejn l-ANR, jikkostitwixxu l-bażi legali li fuqha huma bbażati l-linji gwida tal-2002. Dawn tal-aħħar jiggwidaw lill-ANR matul id-definizzjoni u l-analiżi tas-swieq rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk huma għandhomx ikunu suġġett għal-leġiżlazzjoni *ex ante*. Fil-fatt, skont il-punt 1 ta' dawn il-linji gwida, dawn jistabbilixxu l-prinċipji li fuqhom l-ANR għandhom jibbażaw l-analiżi tagħhom tas-swieq u tal-kompetizzjoni effettiva b'applikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv komuni dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-punt 6 tal-istess linji gwida jindika wkoll li huma għandhom l-għan li jiggwidaw lill-ANR fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet il-ġodda tagħhom fl-oqsma ta' definizzjoni tas-swieq u ta' evalwazzjoni tas-saħħa fuq dawn is-swieq (sentenza

tat-3 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-424/07, Ġabra p. I-11431, punti 75 u 76).

32 Il-linji gwida tal-2002 jinkludu, fl-ewwel tliet taqsimiet tagħhom, sommarju eżekuttiv tal-metodi u tal-kriterji utli sabiex jiġi ddefinit is-suq, l-evalwazzjoni tas-saħħa fuqu u n-nomina tal-impriżi li għandhom l-iktar saħħa fis-suq. Essenzjalment, dan huwa taqsira tal-ġurisprudenza dwar il-qasam, ikkumplimentat b'deskrizzjoni qasira ta' tliet komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni li ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-lingwa Pollakka, jiġifieri, rispettivament, l-Att tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 155, kif ukoll l-Edizzjoni Speċjali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-Pollakk, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 155), il-Linji ta' gwida dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet tal-KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 43, kif ukoll l-Edizzjoni Speċjali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-Pollakk, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 43), u l-Avviż dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni għall-ftehim ta' dħul dwar fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet qafas ta' xogħol, swieq relevanti u prinċipji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 255, kif ukoll l-Edizzjoni Speċjali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-Pollakk, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 255).

33 L-aħħar tliet taqsimiet huma iktar direttament relatati mal-implementazzjoni tad-Direttiva 2002/21. Ir-raba' taqsima, intitolata "Impożizzjoni, żamma, modifika jew tħassir ta' obbligi skont il-qafas leġiżlattiv", hija intiża sabiex tagħti indikazzjonijiet lill-ANR dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu wara l-analiżi tan-natura kompetittiva tas-suq. Il-ħames u s-sitt taqsima jikkonċernaw, minn naħa, is-setgħat ta' investigazzjoni u l-proċeduri ta' kooperazzjoni bl-iskkop tal-analiżi tas-suq, u min-naħa l-oħra, il-proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' pubblikazzjoni li jikkonċernaw abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-ANR. Minbarra tfakkira tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-qafas leġiżlattiv applikabbli, dawn it-tliet taqsimiet huma intiżi sabiex jippreċiżaw il-funzjonament tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-ANR, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-Kummissjoni.

34 Minn dawn l-elementi jirriżulta li l-linji gwida tal-2002 ma jinkludu ebda obbligu li jista' jiġi impost, direttament jew indirettament, fuq individwi. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' dawn il-linji gwida f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-lingwa Pollakka ma tipprekludix f'*Il-*ANR tar-Repubblika tal-Polonja milli tagħmel referenza għalihom f'deċiżjoni indirizzata lil individwu.

35 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-imsemmija linji gwida ġew ippubblikati fl-2002 fis-serje "C" ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Issa, kuntrarjament għas-serje "L" tiegħu, is-serje "C" għandha l-għan li tippubblika mhux atti li jorbtu legalment, iżda biss informazzjoni, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet li jikkonċernaw l-Unjoni.

36 PTC madankollu tqis li dawn l-istess linji gwida li ġew ippubblikati fl-2002 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, kellhom, skont l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, jiġu ppubblikati bil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri l-ġodda wkoll, b'mod partikolari, bil-lingwa Pollakka.

37 Madankollu għandu jiġi osservat li l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 ma jimponix lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Bank Ċentrali Ewropew sabiex jittraduċu bid-disa' lingwi l-ġodda elenkati f'dan l-artikolu, l-atti kollha tal-istituzzjonijiet u tal-Bank Ċentrali Ewropew adottati qabel l-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda. L-imsemmi artikolu, li jirregola s-sistema lingwistika u l-kundizzjonijiet tal-pubblikazzjoni tal-atti adottati, qabel l-adeżjoni, mill-istituzzjonijiet u l-Bank Ċentrali Ewropew, fil-fatt jipprovdi li, fost dawn l-atti, huma biss dawk li t-testi tagħhom ġew redatti bil-lingwi tal-Istati Membri l-ġodda li huma lingwi uffiċjali tal-Unjoni huma awtentiċi, sa mill-adeżjoni, taħt l-istess kundizzjonijiet bħat-testi redatti bil-lingwi uffiċjali l-oħra u huma ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-każ fejn dawn tal-aħħar ikunu ġew ippubblikati fih. Għaldaqstant, l-imsemmi artikolu jimplika li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet jagħżlu l-atti li għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u dan ma jipprekludix li ċerti atti jistgħu ma

jiġux ippubblikati. Bħala konsegwenza, l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 ma jeħtieġx il-pubblikazzjoni tal-linji gwida tal-2002 fl-imsemmi Ġurnal Uffiċjali fil-verżjoni tagħhom bil-lingwa Pollakka.

38 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà warrbet l-eżistenza ta' prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li kulma jista' jaffettwa l-interessi ta' ċittadin tal-Unjoni għandu jiġi redatt bil-lingwa tiegħu fi kwalunkwe ċirkustanza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Kik vs UASI, C-361/01 P, Ġabra p. I-8283, punti 82 u 83).

39 Fir-rigward ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda għandha tkun li l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li hu ma jipprekludix lil ANR milli tirreferi għal-linji gwida tal-2002 f'deċiżjoni li biha din l-awtorità timponi ċerti obbligi leġiżlattivi fuq operatur ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, u dan minkejja l-fatt li l-linji gwida ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-lingwa tal-Istat Membru inkwistjoni, anki jekk din hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

## Fuq l-ispejjeż

40 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 58 tal-att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka, u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li hu ma jipprekludix lil awtorità nazzjonali regolatorja milli tirreferi għal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-analiżi tas-suq u l-evalwazzjoni tas-saħħa fis-suq taħt il-qafas regolatorju Komunitarju għan-netwerks u s-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi f'deċiżjoni li biha din l-awtorità timponi ċerti obbligi leġiżlattivi fuq operatur ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, u dan minkejja l-fatt li dawn il-linji gwida ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-lingwa tal-Istat Membru inkwistjoni, anki jekk din hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni.**

Firem